13 ta' Marzu, 1944.

Imħallef :

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Carmelo Degabriele *versus* Geraldo Scerri

**Imħatra — Tiġrija taż-Żwiemel.**

*F'materja ta' mħatra f'tiġrija taż-żwiemel huwa meħtieġ li tiġi interpretata l-intenzjoni tal-partijiet fil-mument meta ġħandu l-imħatra. Imma huwa evidenti illi l-privati f'dawn l-imħatri jkunu riedu li l-premju jintrebaħ minn sid dak iż-żiemel li, b'mezzi leċiti, ikun effettivament ħa l-ewwel indipendentement minn kwalunkwe vjolazzjoni ta' regolamenti li kienu jirregolaw it-tiġrija fir-rapporti bejn l-awtorità u s-sidien tal-bhejjem.*

*Fil-każ ġie ritenut illi l-imħatra rebaħha sid iż-żiemel li tela' l-ewwel, avvolja l-"judges" ma tawhx dak il-premju billi ż-żiemel tela' mingħajr il-ħielsa distintiva.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta ġħall-kundanna tal-konvenut biex jirrestitwixxi £10, somma li huwa rċieva żejda fl-okkażjoni ta' tiġrija ta' żwiemel u li kienet

tmiss lill-attur; salvi drittijiet ohra kontra hadd iehor; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti fuq imsemmija fil-31 ta' Jannar 1944, fejn laqghet it-talba ta' l-attur u ordnat illi l-ispejjeż ikunu minghajr taxxa; wara li kkunsidrat;

Illi kien hemm tiġrija ta' erbgha żwiemel ir-Rabat fis-26 ta' Settembru 1943, wiehed ta' *l-attur*, *iehor tal-konvenut*, iehor ta' ċertu Antonio Debono, u iehor ta' Salvu Pace; li dawk it-tiġrijiet ġew kontrollati mill-Gvern, ġew publikati regolamenti, u fosthom kien hemm li kwalunkwe annimal ghandu jkollu taxxa distintiva f'ghonqu, taht piena ta' l-iskwalifika ta' l-annimal u t-telf ta' kwalunkwe dritt ta' sid l-annimal ghall-premju; illi l-iskop ta' dawk ir-regolamenti hu biex jirregolaw it-tiġrijiet fir-rapporti bejn l-awtorità u dawk li jiehdu parti fihom, iżda ma jipprivawx lill-privati, u anki lil sidien ta' *l-istess annimali li jaghmlu ftehim iehor bejniethom;* illi f'dik it-tiġrija in kwistjoni l-erbgha sidien taż-żwiemel hargu £10 kull wiehed u ftehmu li sid iż-żiemel li jiġi l-ewwel kellu jippercepixxi £24, sid iż-żiemel li jiġi t-tieni kellu £14, u ż-£2 l-ohra kellhom jittiehdu mill-organizzatur Francesco Debattista; illi mhux kuntrastat illi ż-żiemel ta' l-attur ha l-ewwel, biss tela' minghajr faxxa, u ghalhekk il-"judges" taw l-ewwel premju liż-żiemel tal-konvenut u kklassifikaw it-tielet liż-żiemel tal-konvenut;

Illi l-kwistjoni qieghda kollha *fuq il-ftehim bejn il-partijiet*. Skond l-attur ma kienx hemm ftehim iehor hlief li ż-żiemel jiehu l-ewwel; mentri l-konvenut jippretendi illi d-depożitarju kellu jikkonsenja l-flus skond l-aġġudikazzjoni uffiċjali tal-"judges";

Illi l-attur ġie korroborat minn Vincenzo Mamo u Giuseppe Borg; illi Antonio Debono, proprjetarju taż-żiemel li ha t-tieni, ikkorrobora anki lill-konvenut; illi f'dana l-istat tal-provi u taċ-ċirkustanzi speċjali tal-każ u tal-kondizzjoni tan-nies *interessati*, *il-pretensjoni* tal-konvenut ma tidhierx pruvata; illi huwa evidenti illi l-intenzjoni tal-partijiet kienet li l-£24 kellu jehodhom iż-żiemel li ha l-ewwel, u jekk qatt il-

ġudizzju tal-"judges" seta' ġie kontemplat, dan seta' biss jgħaddi minn ras l-interessati fil-każ ta' aġġudikazzjoni ta' l-ordni li waslu fil-"winning-post" il-bhejjem, jew fil-każ ta' xi kwistjoni fuq il-mod tal-ġiri ta' l-istess bhejjem, imma qatt ma seta' jiġi kontemplat il-każ ta' skwalifika ta' żiemel għax ma wasalx bil-faxxa distintiva, li fir-rapport tal-publiku jista' jkollha xi importanza, imma fir-rapporti interni bejn is-sidien taż-żwiemel ma kellha u qatt ma seta' jkollha ebda importanza;

Illi f'xi ħin jew ieħor xi ħadd qal lil Vincenzo Mamo, li kien depożitarju, biex jagħti l-£40 skond l-aġġudikazzjoni uffiċjali tal-pulijiet, imma dan ma jfisserx illi l-akkordju bejn l-interessati kien ħekk;

Illi għalhekk l-attur għandu dritt għall-ewwel premju...............;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u ċ-ċitazzjoni tiegħu fejn talab illi dik is-sentenza tiġi revokata u t-talba ta' l-attur tkun respinta bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, huwa meħtieġ illi tkun interpretata l-intenzjoni tal-partijiet fil-mument li saret din l-imħatra u poġġew il-flus; u huwa evidenti li meta l-privati jilgħabu flus għall-ġiri ta' żwiemel huma jkunu jridu illi l-premju jintrebaħ minn għand is-sid ta' dak iż-żiemel li b'mezzi leċiti jkun effettivament ħa l-ewwel, indipendentement minn kwalunkwe vjolazzjoni ta' xi regolament li kien qiegħed jirregola t-tiġrija publika fir-rapporti bejn l-awtorità u s-sidien tal-bhejjem;

Tikkunsidra;

Illi, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, meta privati jilgħabu flus fuq żwiemel li jkunu sejrin itellqu, l-intenzjoni evidenti tkun li għandu jieħu l-ewwel premju s-sid ta' l-annimal li ġie l-ewwel, u t-tieni premju s-sid ta' l-annimal li jkun ġie t-tieni, dejjem b'mezzi leċiti. Hawn tiġi l-kwistjoni jekk il-fatt illi ż-żiemel ta' l-attur tela' u ħa l-ewwel mingħajr il-faxxa huwiex tali, f'din l-imħatra privata, li jista' jiskwalifikah. Ma

jidherx illi l-intenzjoni tal-partijiet, kieku qatt ipprevedew dik il-possibilità, kienet tkun tali li riedu effettivament jeskludu dak iż-żiemel; huma riedu jilghabu in riferenza ghall-forza ta' kull żiemel taghhom li jigri iżjed minn dak ta' hadd iehor;

Ghal dawn ir-ragunijiet u ghal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati;

*Tirrespingi* l-appell tal-konvenut u ghalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell, bl-ispejjeż relativi ta' dan l-appell kontra l-appellant.